**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 011/2017**

**AF**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C26761)**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,**

**Ra r-risposta**

**Ra l-verbal tas-27 ta' Marzu 2017**

**Ra li r-risposta** dahlet aktar tard minn dak permess bil-ligi

**Ra l-ittra** tat-3 t'April 2017, tal-provditur tas-servizz ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja,

**Jikkonsidra:**

Illi m'hemmx kontestazzjoni li r-risposta kellha tasal l-Ufficcju tal-Arbitru fit-2 ta' Frar 2017, u minflok giet registrata fl-Ufficcju tal-Arbitru nhar is-6 ta' Frar 2017.

Illi fl-ittra tat-3 ta' April 2017, il-provditur tas-servizz jispjega li huma rcevew l-ilment fit-12 ta' Jannar 2017, u d-*deadline* ghar-risposta kien fit-3 ta' Frar 2017.

Illi l-provditur tas-servizz baghat ir-risposta bil-posta registrata u telqet mill-ufficcju tal-provditur tas-servizz fl-1 ta' Frar 2017, u bi zvista, minbarra l-kopja tal-klijent, il-kopja lill-Arbitru intbaghtet bil-posta registrata. Illi skont it-*tracking* tal-*Maltapost* (mehmuza), ir-risposta waslet l-Ufficcju tal-Arbitru fit-3 ta' Frar 2017, f'12.20 p.m. (*Friday*) u '*delivery unsuccessful*'. Sar attentat iehor biex titqassam lill-Ufficcju tal-Arbitru l-ghada, s-Sibt, u wkoll il-pustier ma rnexxilux iqassamha lill-Ufficcju tal-Arbitru u giet imwassla b'success l-Ufficcju tal-Arbitru, it-Tnejn, 6 ta' Frar 2017.

Jirrizulta min-notamenti tal-pustier li '*addressee was not available*'.

Il-provditur tas-servizz baghat ir-risposta fi zmien tajjeb bizzejjed li kellha tasal fiz-zmien moghti mil-ligi izda, ghal xi raguni, l-pustier jghid li ma setax iqassamha lill-Ufficcju tal-Arbitru f'12.20 p.m. fit-3 ta' Frar 2017, (kienet il-Gimgha) u lanqas l-ghada li kien is-Sibt fejn l-Ufficcju tal-Arbitru jkun maghluq.

L-Artiklu 158 (10) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li min jipprezenta r-risposta tieghu b'mod tardiv ikun kontumaci '*kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas …..*'

L-Arbitru hu tal-fehma li r-risposta ma waslitx fil-hin mhux minhabba xi nuqqas minn naha tal-provditur tas-servizz, imma ghaliex, ghal xi raguni, l-pustier ma setax iqassam l-istess risposta.

L-Arbitru hu tal-fehma li kien hemm raguni tajba ghaliex il-provditur tas-servizz ipprezenta r-risposta tardivament u, ghalhekk, qed jilqa' l-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Ghalhekk l-Arbitru qed jordna li r-risposta li giet ipprezentata mill-provditur tas-servizz ghandha tithalla tifforma parti mill-process.

**Il-kaz qed jithalla ghall-provi tal-ilmentatur ghas-seduta tat-22 ta' Mejju, 2017, fil-11.30 a.m. ghal dan l-iskop .**

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

5 ta' Mejju, 2017